



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

13.1.2011

B7-0035/2011

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

skont l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-qoxra tal-passaporti ordinarji (turistiċi) maħruġa mill-Istati Membri liċ-
ċittadini tagħhom

Sebastian Valentin Bodu

B7-0035/2011

Mozzjoni għal rizzoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-qoxra tal-passaporti ordinarji (turistiċi) maħruġa mill-Istati Membri liċ-ċittadini tagħhom

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra li sal-lum għad m'hemmx regoli komuni Ewropej dwar il-qoxra tal-passaporti maħruġa mill-Istati Membri liċ-ċittadini tagħhom,
 - wara li kkunsidra li jista' jitqies li l-armonizzazzjoni, fil-livell Ewropew, tal-elementi li jirrappreżentaw l-appartenenza għall-ispazju komuni Ewropew hija koperta bil-politika esterna komuni,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-kunċett ta' "ċittadin Ewropew" huwa mnaqqax fit-Trattat ta' Lisbona stabbilixxa, fl-Artikolu 8 tiegħu,
- B. billi l-identità ta' ċittadin Ewropew u l-appartenenza għall-Unjoni Ewropea bħala spazju komuni jkunu aktar viżibbli, sew għaċ-ċittadini tal-Istati Membri kif ukoll għal dawġ ta' pajjiżi terzi, li kieku kien hemm passaport Ewropew b'qoxra standard,
- C. billi wieheġ mill-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea huwa l-appartenenza taċ-ċittadini tiegħu, fuq bażi ta' ugwaljanza, għal spazju komuni,
1. Iqis li l-Istati Membri għandhom joħorġu passaporti li fuq il-qoxra tagħhom ikollhom tliet elementi komuni li jidentifikaw l-ispazju komuni Ewropew: il-kitba "Unjoni Ewropea", is-simbolu tal-Unjoni u l-lewn blu ("passaport blu");
 2. Iqis li l-identifikazzjoni tad-detentur tal-passaport bħala ċittadin ta' Stat Membru għandha tkun sussidjarja, kif għandhom ikunu elementi oħra tal-passaport;
 3. Jippreċiża li din il-proposta se tapplika għal passaporti maħruġa ġodda mill-Istati Membri, filwaqt li l-passaporti eżistenti jkunu jistgħu jiġu sostitwiti fuq talba tad-detentur u bi ħlas.